32000R1630

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1630/2000

tal-25 ta' Lulju 2000

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2131/93 li jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ ta' ċereali miżmumin mill-aġenziji ta' l-intervent

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 fuq l-organizzazjoni komuni tas-suq taċ-ċereali [1], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 1510/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolment tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2131/93 [3], kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 39/1999 [4], jistabbilixxi l-proċedura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ ta' ċereali miżmumin mill-aġenziji ta' l-intervent.

(2) Dak ir-Regolament jistipula li fil-każ ta' bejgħ fis-suq tal-Komunità għandhom jinħarġu l-offerti b'referenza għall-kwalità standard.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1253/1999 [5] neħħa l-kwalità standard. Għalhekk din għandha tiġi ssostitwita b'deskrizzjoni ekwivalenti.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Amministrazzjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2131/93 qiegħed jinbidel f'dan li ġej:

"1. Fil-każta'bejgħfis-suqtal-Komunità,għandhomjinħarġul-offertib'referenzagħalkwalitàta'ċerealilimatwassalxgħalxiaġġustamentfil-prezzfil-każta'offertagħalintervent.

Meta l-kwalità taċ-ċereali tkun diversa mill-kwalità msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-prezz ta' l-offerta li jkun l-aħjar jiġi aġġustat billi jiġu applikati ż-żidiet u t-tnaqqis fil-prezzijiet li jiġu ddeterminati skond l-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan għandu jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
[2] ĠU L 174, tat-13.7.2000, p. 11.
[3] ĠU L 191, tal-31.7.1993, p. 76.
[4] ĠU L 5, tad-9.1.1999, p. 64.
[5] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 18.